MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 42/2014

**Kevin Pace**

**vs**

**Alan Mifsud u Rudolph Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-6 ta’ Frar 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ sebat elef, hames mija u tmenin ewro (€7,580) bilanc minn somma akbar, prezz ta’ xoghol ta’ mastrudaxxa mahdum u kkunsenjat fuq ordni tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-prezentata ta’ dan l-avviz u l-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Alan Mifsud u Rudolph Azzopardi li giet ipprezentata fit-12 ta’ Marzu 2014 fejn eccepew:

1. *“Illi fl-ewwel lok l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li l-esponenti qatt ma gew interpellati ghal hlas qabel il-prezentazzjoni ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk ma ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-proceduri odjerni;*
2. *Illi fit-tieni lok, ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservazzjoni tal-gudizzju;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tingieb il-prova li l-ammont reklamat huwa fil-verita’ dovut.*

*Bl-ispejjez.”*

L-attur **Kevin Pace** xehed fl-4 ta’ Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala mastrudaxxa. Mistoqsi jekk jafx lil Alan Mifsud u Rudolph Azzopardi

wiegeb li jafhom ghax kien ghamel xi xoghol ghalihom. Fil-fatt huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok CSH u dana jitratta dwar x-xoghlijiet li huwa kien ghamel ghan-nom tal-konvenuti. Huwa ddikjara li x-xoghol originali li huwa kellu jithallas ghalih kien jammonta ghal tnax-il elf u mitt ewro (€12,100) pero' maz-zmien il-konvenuti kienu ziedulu x-xoghol u x-xoghlijiet li talbuh biex jaghmel *extra* kien jammonta ghal hamest elef, hamsa u tmenin ewro (€5,085). Pero' stqarr illi mix-xoghlijiet li ziedulu, mhux kollu kien sar u ghalhekk bhala xoghol addizzjonali huwa ghamel *three door station including handles and wheels* li jammonta ghal elf mitejn u sittin ewro (€1,260) u l-*fixing* tal-*upper station* li jammonta ghal mija u ghaxar ewro (€110). Ghalhekk il-konvenuti kellhom ihallsuh is-somma ta' tlettax-il elf, erba' mija u sebghin ewro (€13,470). Huwa sostna li parti minn dawn il-flejjes ghadhom pendenti sa llum.

L-attur esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok CSH1. Huwa tenna li in segwitu kienu ziedulu xi xogholijiet ohrajn li kienu *outside room* fl-ammont ta' elf, hames mija u hamsin (€1,550), *chopping board* ta' mitejn u sebghin ewro (€270) u twahhil ta' xi wall paper li jammonta ghal mitejn ewro (€200). Dawn huma kollha identifikati fid-Dokument CSH1 u ghalhekk kellhom ihallsu lill-attur is-somma ta' hmistax-il elf, erba' mija u disghin (€15,490).

Huwa spjega li fil-fatt halsuh xi pagamenti ghax-xoghol li ghamel u cioe' fil-25 ta' Lulju 2012 kienu tawh is-somma ta' elfejn ewro (€2,000), fit-13 ta' Frar 2013 is-somma ta' elfejn ewro (€2,000), fis-26 ta' April is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) u fit-23 ta' Lulju s-somma ta' elfejn ewro (€2,000). Jigifieri kienu hallsuh b'kollox is-somma ta' tmint elef ewro (€8,000). Ghalhekk illum-il gurnata l-bilanc dovut lill-attur huwa ta' sebat elef, erba' mija u disghin ewro (€7,490). Ghalhekk l-attur iddikjara li in effetti mhux dak miktub fir-rikors

promotur ghandu jiehu llum minghand il-konvenuti, izda ghandu jiehu sebat elef, erba' mija u disghin ewro (€7,490). Mistoqsi kif effettivament thallas it-tmint elef ewro (€8,000) wiegeb illi thallas permezz ta' *cash payments*.

L-attur stqarr ili huma m'ghandhom l-ebda ftehim bil-miktub bejniethom ghax kollox sar bil-kelma. Mistoqsi jekk qattx qalulu li x-xoghol ma kienx ghalihom izda ghal haddiehor wiegeb fin-negattiv u stqarr li huwa kien jaf lill-konvenuti biss ghal dan ix-xoghol. Mistoqsi fejn sar ix-xoghol in kwistjoni wiegeb li kien sar f'restaurant u lounge, il-Belt Valletta. Il-hanut dak iz-zmien kien jismu 222. Illum-il gurnata pero' ghandu isem differenti. L-attur spjega li huwa talabhom il-flus li ghandhom jaghtuh diversi drabi pero' huma bdew jew jaqtawlu jew ma jirrisponduhx jew kienu jaghtuh xi skuza jew ohra.

**Kevin Pace** xehed in kontro-ezami fis-17 ta' Settembru 2014 fejn ikkonferma li kuntratt bil-miktub bejnu u bejn Alan Mifsud ma kienx hemm u dan ghaliex Alan Mifsud beda jzid ix-xoghol man manu. Mistoqsi jekk huwa qattx hareg xi ricevuta ghal pagamenti li rcieva cioe' l-erba' pagamenti wiegeb li le, huwa kien be hsiebu johrog ricevuta wahda fl-ahhar. Huwa qabel ukoll li l-hlasijiet in kwistjoni kienu saru bi flus kontanti. L-attur cahad li effettivament kien sar pagament iehor fl-20 ta' Settembru tas-sena 2013. Mistoqsi fejn kienu jsiru l-hlasijiet in kwistjoni wiegeb li effettivament huwa kien icempel lil Alan Mifsud diversi drabi u ma kienx jirrispondieh u mbaghad fl-ahhar kien imur personalment u kien jghidlu biex imur l-ufficcju u kien jghaddilu l-flus pero' ma kienx ikun hemmhekk.

L-attur iddikjara li huwa ma jaf xejn dwar il-pagament tal-20 ta' Settembru 2013 u huwa kien jiffirma karta meta effettivament kien jiehu l-flus tal-elfejn

ewro. Huwa stqarr illi m'ghandux kopja ta' dawn il-karti ghaliex kien jaghti ricevuta lilhom. Pero' m'ghandux kopja taghhom. L-attur ikkonferma li nkluz fl-ammont originali ta' tnax-il elf u mija kien hemm xi xoghol addizzjonali konsistenti fi *three outdoor stations* u *fixing upper station* li kien lahaq ghamilhom. Pero' b'dan ix-xoghol addizzjonali l-ammont kellu jkun tlettax-il elf, erba' mija u sebghin ewro. Pero' sussegwentement zied l-affarijiet ohrajn u l-ammont totali kellu jkun sbatax-il elf mija hamsa u tmenin ewro. L-attur ikkonferma li dawn l-affarijiet cioe' t-*three outdoor stations including handles and wheels* u *fixing upper station* huma mwahhlin fil-hanut sa llum.

**Il-konvenut Alan Mifsud** xehed fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara illi effettivament huwa jaf lill-attur Kevin Pace. Huwa jafu ghaliex l-attur kien ghamel xi xoghol tal-injam gewwa r-restaurant tieghu l-Belt Valletta u l-valur totali ta' dan ix-xoghol kien tnax-il elf u mitt ewro (€12,100). Huwa spjega illi effettivament ghamlu hames pagamenti kollha *cash*, li kienu elfejn ewro (€2,000) fil-25 ta' Lulju 2012, elfejn ewro (€2,000) fit-13 ta' Frar 2013, elfejn ewro (€2,000) ohra fil-25 ta' April 2013, elfejn ewro (€2,000) ohra fid-19 ta' Lulju 2013 u l-ahhar pagament ta' elfejn ewro (€2,000) fl-20 ta' Settembru 2013. Il-konvenut ikkonferma li ghad hemm debitu pendenti fl-ammont ta' elfejn u mitt ewro (€2,100). Huwa stqarr illi ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub bejniethom dwar ix-xoghol li kellu jaghmel ghax kollox sar b'mod verbali.

Mistoqsi jekk effettivament hargux xi rcevuti ta' dawn il-hlasijiet li ghamlu wiegeb illi normalment ghandhom *ledger* u meta jhallsu, il-hlas jigi jidher fuq dan il-*ledger* pero' jekk sarx dan f'dan il-kaz qal li jrid jaghmel il-verifiki tieghu. Huwa gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol 12 u kkonferma illi kien hemm

lista addizzjonali ta’ xoghol li kien talab lill-konvenut jaghmel u dan kien jammonta ghal hamest elef u hamsa u tmenin ewro (€5,085). Pero’ spjega li nel frattemp ghalqu r-restaurant u x-xoghol addizzjonali ma sarx u ghalhekk sostna li dan l-ammont ta’ hamest elef u tmienja u hamsin ewro (€5,085) mhux dovut. Ghalhekk huma qalu kemm-il darba lill-attur biex jigi jigbor dan il-hlas ta’ elfejn u mitt ewro (€2,100) pero’ huwa qed jikkontendi li l-bilanc huwa ikbar. Il-konvenut gie muri wkoll id-dokument li huwa esebit fl-atti a fol 13 tal-process u spjega li dan id-dokument fih pagament nieqes u cioe’ dak li jirrelata ghall-elfejn ewro (€2,000) li thallsu fl-20 ta’ Settembru 2013. B’referenza ghax-xoghlijiet li hemm indikati fil-parti ta’ fuq f’dan id-dokument huwa ddikjara li ma jistax jikkonferma li saru.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2014 dehru l-avukati tal-partijiet u iddikjaraw li ma kellhomx xhieda ohra xi jressqu u ghalhekk ghamlu t-trattazzjoni taghhom dwar il-kaz in desamina u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq il-provi migbura.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza il-partijiet ma tantx ressqu wisq provi u strahu biss fuq ix-xhieda li ta l-attur u dik moghtija mill-konvenut Alan Mifsud. Il-konvenut Rudolph Azzopardi lanqas gie prodott biex jixhed ghalkemm il-partijiet ma qablux fix-xhieda taghhom. Din il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe’ dik proposta mill-attur li jghid li huwa kien ftiehem mal-konvenuti dwar xoghol ta’ mastrudaxxa li kellu jaghmel gewwa il-fond proprjeta’ taghhom il-Belt Valletta skond id-dokument esebit fl-atti a fol. 12 immarkat bhala dok CSH. Jghid li x-xoghol zdied man mano li kien qed jigi esegwit. Jidher li ma

hemmx kontestazzjoni dwar in- natura tax-xoghol fis-sens li ghalhekk ix-xoghol li esegwixxa l-attur kien skond is-sengha u l-arti izda hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tax-xoghol li sar u l-quantum tal-hlas li effettivament il-konvenuti ghamlu u dan ghaliex filwaqt li l-attur jghid li rcieva is-somma ta' tmint elef ewro (€8,000), bilanc minn somma akbar, il-konvenut Mifsud jghid li effettivament hallas is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u li ghad baqa' bilanc ta' elfejn u mitt ewro (€2,100) dovuti lill-attur u li huwa lest li jghaddihomlu bla pregudizzju ghall-bilanc li qed jippretendi l-attur.

Illi kif intqal fis-sentenza '**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino',** (Appell Kummercjali 25 ta' Frar 1952) mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali:

*"hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell On Evidence (p.487): In the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ...*

*The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them."*

Illi hekk ukoll kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza '**Alexander Boiciuc vs Joseph Cardona ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate'** (Avviz Numru. 260/2009CSH – 04/07/2012):

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezz morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet... Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment suffecjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide* ***'George Bugeja vs Joseph Meilak'*** *deciza 30 t'Ottubru 2003 PA)."*

Huwa principju assodat li huwa l-attur li jrid jipprova it-talba tieghu biex din tigi milqugha. Dan mhux biss skond id-disposta tal-artikolu 652 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi '**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camillleri'** PA 31 ta' Mejju 1972 u '**Peter Paul Aquilina vs Paul Vella'** Appell Inferjuri 2 ta' Mejju 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata il-Qorti tghallem li '*l-attur f'kawza ma jistax jistenna li l-Qorti taghmel ix-xoghol tieghu u dan l-aktar meta huwa min jallega irid jipprova.*' Huwa principju rassodat li l-mera possibilta' mhix sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili ('**Frank Giordmaina Medici et vs noe vs William Rizzo et'** deciza PA, NC, 28 ta' April 2004).

Naturalment, l-attur f'kawza ma ghandux jistenna li l-Qorti temnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas ta' l-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Detto questo dan ma jfissirx li l-provi migjuba mil-attur ghandhom jigu skartati, altru milli hekk.

Il-Qrati taghna jghallmu li:

'*il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qorti jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimilianza ghaliex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi* ***ghax dawn f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***.' (**Farrugia vs Farrugia** PA 24 t Novembru 1966 Vol XXXVI P 1 p 319).

Fis-sentenza '**Bugeja vs Falzon et'** il-Qorti tghid li:

'*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndota mill-preponderanza tal-probabilitajiet*."

Verament fil-kawzi civili (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija **<u>Farrugia vs Farrugia</u>**): *'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta'* in dubbio pro reo' (ara l-istess principju fis-sentenza '**<u>George Bugeja vs Joseph Meilak'</u>** (PA, TM, 30 ta' Ottubru 2003 u '**<u>Emanuel Ciantar vs David Curmi noe'</u>** PA, (PS), 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jincidu fih dik ic-certezza morali li kull Qorti ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet ('**<u>Eucharisto Zammit vs Eustrachio Petrococchino</u>**' Appell Kummercjali, 5 ta' Marzu 1986). Meta imbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti ghalhekk ghandha tara liema mill-verzjonijiet tal-partijiet rispettiva hi b'sahhitha bizzejjed biex teghleb lill-ohra.

Fis-sentenza taghha '**<u>Adam Bugeja vs Charles Falzon et'</u>** (23.10.2013) il-Qorti tishaq li meta iz-zewg verzjonijiet ikunu kapaci jitqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera '*ma tistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi wahda u mhux l-ohra. L-istess japplika fil-kaz meta l-Qorti tkun affaccjata b'zewg versjonijiet li kapaci jitqiesu ugwalment*

*mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante reus absolvitur.'* ('**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat**', PA, 22 ta' Novembru 1995; '**Enrico Camilleri vs Martis Borg**', App Inf (PS), 17 ta' Marzu 2003).

Issa fil-kaz in desamina l-attur xehed u spjega b'mod dettaljat ir-relazzjoni li huwa kellu mal-konvenuti. Jghid li kien ftiehem maghhom b'mod verbali dwar dak li kellu jaghmel u dan versu l-prezz komplessiv ta' tnax-il elf u mitt ewro (€12,100) kif jirrizulta mill-ewwel parti tad-dokument CSH esebit fl-atti a fol 12. Spjega li minn dan ix-xoghol originali li kellu valur ta' tnax-il elf u mitt ewro (€12,100), il-konvenuti kienu hallsu gja s-somma ta' tmint'elef ewro (€8,000) u kien ghalhekk fadal biss bilanc ta' erbat elef u mitt ewro (€4,100) favur tieghu. Pero' in segwitu l-konvenuti tawh xi xoghol addizzjonali li ma kienx inkluz mal-ordni originali u huwa x-xoghol addizzjonali deskritt fid-dokument CSH li kellu valur komplessiv ta' hamest elef u hamsa u tmenin ewro (€5,085). Pero' l-attur jghid li ma lahaqx ghamel dan ix-xoghol kollu u fil-fatt kien ghamel biss zewg items u cioe' dak deskritt bhala '*3 outdoor stations including handles and wheels'* b'valur ta' elf, mitejn u sittin ewro (€1,260) u il-*fixing tal-upper station* b'valur ta' mija u ghaxar ewro (€110) ghalhekk mas-somma bilancjali ta' erbat elef u mitt ewro (€4,100) il-konvenuti kien ghad fadlilhom ihallsuh ukoll is-somma addizzjonali ta' elf, tlett mija u sebghin ewro (€1,370).

Illi madankollu l-konvenuti talbuh jaghmel xi xoghol iehor u fil-fatt kien ghamel xoghol fl-outside room b'valur ta' elf, hames mija u hamsin (€1,550) u chopping board fl-ammont ta' mitejn u sebghin (€270) u wallpaper fl-ammont ta' mitejn

ewro (€200) b'kollox xoghol fl-ammont komplessiv addizzjonali ta' elfejn u ghoxrin (€2,020).

B'kollox ghalhekk l-konvenuti kellhom ihalsu lill-attur is-somma originali ta' tnax-il elf u mitt ewro (€12,100), s-somma ta' elf, tlett mija u sebghin ewro (€1,370) fit-tieni stadju, u fit-tielet lok is-somma ta' elfejn u ghoxrin ewro (€ 2,020). B'kollox ghalhekk l-attur kellu jircievi is-somma ta' hmistax-il elf, erbgha mija u disghin ewro (€15,490). Illi minn din is-somma, skond l-attur, il-konvenuti hallsu s-somma ta' tmint'elef ewro (€8,000) u ghalhekk il-bilanc dovut lill-attur illum huwa dak fl-ammont ta' sebat elef, erbgha mija u disghin ewro (€7,490), kif mistqarr mill-istess attur fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Gunju 2014 u mhux l-ammont ta' sebat elef, hames mija u tmenin ewro (€7,580) mitlub fir-rikors promotur. Jinghad li l-attur kien konsistenti f'dak li qal u wiegeb kull domanda li giet imposta lilu.

Minn naha l-ohra l-konvenut Alan Mifsud jghid li huwa hallas ghaxart elef ewro (€10,000) ghaliex jghid li kien ghamel pagament iehor li l-attur mhux qed isemmi u cioe' dak tal-20 ta' Settembru 2013 ghalkemm ricevuta qatt ma inghata. Jghid pero' li huwa ghandu ledger fejn izomm dawn l-hlasijiet liema ledger pero' qatt ma gie esebit minkejja li kien jaf dwar din l-kontestazzjoni fil-quantum. Jghid ukoll li kien minnu li kienu talbu li jsiru xi additional works ghalkemm jghid li x-xoghol addizzjonali u dan fil-valur imsemmi mill-istess attur fl-ammont ta' hamest elef u tmienja u hamsin ewro (€5,085) ma sarx ghaliex nel frattemp kienu ghalqu r-restaurant. Muri d-dokument CSH esebit fl-atti u mistoqsi dwar jekk sarux ix-xogholijiet hemm indikati, jghid li ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma jekk sarux jew le. Ghalhekk, filwaqt li x-xhieda

moghtija mill-attur hija wahda determinata, dik tal-konvenut hija dubbjuza u tehtieg li ssirilha xi konferma li ma saritx waqt l-andament tal-kawza.

Issa huwa principju fondamenti tad-dirtt penali li min jallega irid jipprova. Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri**', deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*".

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuti tal-pagament li Alan Mifsud jallega li ghamel. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet '**Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech'** deciza fit-28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega (Kollez. Vol. X pagna 825)*". Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-

decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tal-pagament ta' elfejn ewro (€2,000) nhar l-20 ta' Settembru 2013. Jekk huma ma jirnexxielhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (Art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri'** sup. cit. insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli."* Issa fil-kaz odjern ghalkemm l-konvenut Alan Mifsud jghid li ghandu ledger fejn izomm akkont tal-hlasijiet li jaghmlu dan ma giex esebit fl-atti u ghalhekk din il-Qorti ghandha quddiemha biss ix-xhieda attendibbli tal-attur ma' dik dubbjuza tal-konvenut Alan Mifsud u ghalhekk fic-cirkostanzi hija aktar propensa temmen lill-attur li jghid li l-konvenuti hallsuh biss is-somma ta' tmint'elef ewro (€8,000).

Illi ghalhekk jispetta lill-Qorti tezamina l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fid-dawl tal-provi migbura aktar 'l fuq.

Fl-ewwel lok il-konvenuti eccepew l-eccezzjoni tal-intempestivita' ta' l-azzjoni u dan ghaliex il-konvenuti ma gewx interpellati sabiex ihallsu it-talba attrici qabel ma nfethet din il-kawza. Dwar din l-eccezzjoni il-konvenut Alan Mifsud ma jghid xejn fix-xhieda tieghu filwaqt li l-attur jghid li huwa ttenta jigbor flusu kemm-il darba minghand il-konvenuti izda kull tentattiv taghhom kien ghalxejn u dan ghaliex baqa' ma thallasx minkejja d-diversi talbiet tieghu. Fic-cirkostanzi

ta’ dan il-kaz però jinghad ukoll li tali eccezzjoni hija ghal kollox inammissibbli ghaliex kif osservat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Atlas Insurance Agency Limited vs Sea Malta Company Limited et’**, Citaz. Nru. 1263/00, deciza fid-29 ta’ Ottubru 2002:

*“eccezzjoni ta’ intempestività minhabba nuqqas ta’ sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta’ kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez giudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza ikollha meritu li kieku l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas. La darba izda saret kontestazzjoni, is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghal xejn u ghalhekk l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.”*

Dwar it-tieni eccezzjoni l-konvenuti jghidu li ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-attur. L-attur jghid li kien hu li kkontratta mal-konvenuti dwar xoghol ta’ mastrudaxxa li kellu jsir f’restaurant tal-konvenuti gewwa il-Belt Valletta. Il-konvenut Rudolph Azzopardi ma xehedx u ghalhekk ma jghid xejn in sostenn ta’ din l-eccezzjoni filwaqt li l-konvenut Alan Mifsud ighid li verament kien qabbad lill-attur flimkien mal-konvenut Azzopardi sabiex jaghmel xi xoghol tant li jghid li kien gja halsu parti minn dak dovut minnhom u li kien lest li ihallas il-bilanc li fil-fehma tieghu kien jammonta ghal elfejn u mitt ewro (€2,100) minnufih. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ma ssibx konfort fil- provi prodotti u qed tigi michuda.

Dwar it-tielet eccezzjoni fil-mertu jinghad li din gja giet diskussa aktar ‘il fuq u il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma bilancjali ta’ sebat elef, erbgha mija u disghin ewro (€7,490).

**Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qieghda tilqa’ it-talba attrici b’dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ridotta ta’ sebat elef, erba’ mija u disghin ewro (€7,490).**

**L-ispejjez a karigu tal-istess konvenuti u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------